Il-Kanonku Dun Ġwakkin Schembri B.A., Lic.D., L.SS. jikteb dwar

# Il-Knisja Mżejna għall-Festa



Lill-kappillan ta' Ħal Qormi tas-snin 1733-1776, li kien Dun Ġużepp Vella, ma bqajniex insemmuh biss, għax fil-25 ta' Mejju, 1743, kisbilna mingħand il-Gran Mastru l-isem u l-ġieħ ta' Belt Pinto.

## Il-Vara Titulari

Kien fi żmienu li, nhar it-23 ta' April, 1741, iżżanżnet il-vara ta' San Ġorġ. L-ispiża ta' 417-il skud ma kinitx ftit għal dak iż-żmien, imma tassew ħa gost dak il-kappillan jinnota li "n-nefqa kollha għamel tajjeb għaliha l-poplu kollu, hekk li l-Knisja lanqas biss ħabba ma ħarġet minn ġewwa!"[1]



## Il-Kwadru Titulari

Bħala statwa artistika u entużjażmanti ta' parroċċa mill-eqdem u mill-ikbar, il-vara m'għamlitx għajb lill-kwadru titulari: din ix-xbiha ta' Qtugħ ir-Ras tal-Magalomartri kienet l-aħħar xogħol ta' Mattia Preti fid-dinja tagħna, għax miet (aktarx qabel temm il-kwadru) nhar it-3 ta' Jannar, 1699. Meta nintasbu bilqiegħda fuq is-sedji tal-kor, li huma xogħol tajjeb ta' skultura fl-injam ta' fuq mitejn sena ilu, kemm jinfirxu kbar u sbieħ quddiem għajnejna ż-żewġ kwadri laterali ta' Pietru Pawl Caruana (1843) u, fin-nofs fil-għoli, l-*abside* ta' Calì (1905)!



## Il-Kwadri ta' Zahra

Kieku kellna l-wisa', konna nsemmu wkoll xi kwadri tal-pittur Malti magħruf, Franġisk Zahra, li żżanżnu fi żmien il-Kappillan Vella li semmejna – fosthom il-pittura ta' l-altar tal-Kandlora u l-kwadru l-qadim ta' San Mikiel, li għadna kemm sirna nafu d-data preċiża tiegħu. Tqiegħed ġdid fuq l-altar ta' San Mikiel nhar it-28 ta' Settembru, 1754, u ħallas għalih minn butu s-saċerdot Qormi Dun Ġwann Mula.[2]

## Il-Fonti tal-Magħmudija

Dun Ġwann Mula, li għex 88 sena u miet fis-6 ta' Diċembru, 1760, kien il-benefattur ukoll ta' wieħed mill-aqwa Fontijiet tal-Magħmudija li hawn fil-gżejjer Maltin – dak ta' Ħal Qormi! Inti, li bħali tgħammidt mill-ilma ta' dan il-battisteru tas-sena 1760, taf daqsi li l-preġju tiegħu qiegħed fit-tifsila li għandu, kif ukoll fil-kwalità u fl-ilwien u fix-xogħol ta' l-irħamijiet li fih. Qatt intbaħt bix-xebħ li hemm, għal dik li hija ħlewwa ta' kurva, bejn il-quċċata tiegħu u l-quċċata tal-kanopew ta' l-altar maġġur?

## L-Altar Maġġur

L-altar maġġur, hu wkoll ta' l-irħam mill-ifjen u maħdum fuq disinn li jsaħħrek, ilu jeżisti minn żmien il-kappillan Dun Ġużepp Vella u sewwa sew minn nhar is-6 ta' Frar ta' l-1760. Żgur li għadamhom fil-qabar jitħarrek bla ma jkun jista' jsib mistrieħ, it-tliet aħwa xebbiet kunjomhom Sant, kieku dan l-altar kellna xi darba noħolmu nneħħuh mnejn qiegħduh huma! Għaliex? Għax dawk it-tliet "benefattriċi kbar tal-knisja tagħna" (kif sejħilhom dak il-kappillan ta' żmienhom) – Duminka, Mudest, u Tereża, li kienu wlied Ġużeppi Sant u Iżabella – fehmu tajjeb li, bis-750 skud li ħarġu għall-ispiża kollha (inkluż l-ġirlandra, ta' l-irħam ukoll, li darba kellu), kienu qed iżejnu 'l din il-Matriċi b'kapolavur mitqlu deheb u *aere perennius*. Minn snin qabel, għall-ġenerożità kbira tagħhom li wrewha drabi oħra wkoll, l-Isqof Alpheran kien irregalalhom qabar għalihom it-tlieta fil-knisja tagħna.[3]

## L-Imbrukkat u r-Rakkmu

Pjaneta, żewġ tuniċelli, u ħames kapep: dan l-apparat tal-festa, bi drapp imbrukkat li, bit-tħabrik tal-

prokuratur tal-knisja tagħna Dun Ġwann Gelfo, inġieb miċ-ċentru ta' l-Ewropa fix-xitwa ta' l-1780, m'intix se tara malajr bħalu. Semmejna l-imbrukkat: insemmu r-rakkmu. F'din il-knisja ta' San Ġorġ l-eqdem xogħol tar-rakkmu, ta' stil barokk antik, hu l-ventaltar ta' l-altar maġġur; waqt li, fuq disinn ta' Kanonku mill-Birgu (kif nismagħhom jgħidu), għandna l-ventaltar tal-Kandlora. Għandek, imbagħad, ġawhar ieħor: ir-rakkmu ta' fuq il-pjaneta u t-tuniċelli li jintużaw fit-Tridu. Qisu qed jagħti xhieda tal-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu fuq il-Knisja ta' Kristu, jiddomina mill-għoli tużell li jpaxxi l-għajn: dak il-gwarniċ skolpit, dak is-satin irrakkmat, inħadem fl-1878 fuq disinn tal-Professur Zammit – ġenju ta' bniedem li kien tabib, arkitett, disinjatur, kittieb, filosfu, u professur. Lill-prokuratur tal-knisja, Dun Ġużepp Mifsud, qed inġibu quddiem għajnejja (bla ma nafu, għax ilu mejjet 76 sena!) ġej u sejjer għand dak it-Tabib Nikol Zammit jitolbu joħloqlu issa disinn issa ieħor biex, ħaġa wara oħra, mit-tużell sas-sopraporta, jgħammrilna l-knisja bihom fit-Tridu u fil-festa. Huma wkoll xogħol ta' mertu artistiku kbir, maħdumin fuq disinn tal-Professur Zammit, dawn li se nsemmu: il-kanopew li jaħbi ħelu ħelu t-tabernaklu għal għajnejna, is-sopratvalja jew terħa ta' l-altar maġġur, ta' l-altar tal-Kandlora, u ta' l-altar ta' San Ġużepp, kif ukoll il-ventaltar ta' San Mikiel.





Semmejna tnejn min-nies li ħadmu tassew id f'id, u ħaqqhom tassew "prosit". Dwar l-ewwel wieħed, Dr. Nikol Zammit tas-Siġġiewi, għadna kemm saħħaħna l-fehma li għal xi żmien hu u martu ġew jgħammmru f'dar f'raħal twelidna, hekk li tweldilhom tifel hawnhekk l-għada tal-Milied fl-1870.[4] U dwar l-ieħor, Dr. Dun Ġużepp Mifsud ta' Ħal Qormi, issa sirna nafu li, ħabta tas-sena akkademika 1869-70, inħatar ukoll għal xi żmien Professur tat-Teoloġija.

## Il-Fided ta' Ħal Qormi

Il-fided ta' Ħal Qormi, skond dokument li għandna f'idejna, ma ħelsuhiex ħafif meta f'Ġunju ta' l-1798 is-suldati Franċiżi ta' Napuljun daħlu jisirqu, imgħammra kif kienet sa snienha l-knisja tagħna għall-Ottava ta 'Corpus.[6] B'hekk nifhmu malajr għaliex daqs ħamsa jew sitta mil-lampieri tal-fidda saru ġodda fl-ewwel snin ta' wara l-pesta ta' l-1813-14. Fost il-fidda antika li baqgħalna, insibu ta' preġju artistiku kbir is-salib tal-kleru u l-akkolti, il-lampier ta' l-altar maġġur, kif ukoll l-erba' kartelli tal-*Gloria* ta' dan l-altar (li saru fl-1753) u ta' altari oħrajn. Fost tliet ventaltari tal-fidda, dak tar-Rużarju hu msemmi għad-disinn imħażżeż minn Abram Gatt ta' Bormla fl-1892. U mal-medda ta' l-ewwel tnax-il sena ta' wara l-aħħar gwerra, l-arġenterija ta' l-altar maġġur stagħniet biż-żjieda tas-sett sħiħ tal-gandlieri (1950-51) għall-prima u għas-sekonda, kif ukoll bit-tabernaklu prezzjuż u denn ta' l-isem (1956).

## L-Ostensorju

L-Ostensorjuta tar-Relikwa ta' San Ġorġ la tista' tgħidlu ġdid, lanqas qadim! Il-Kappillan Dun Ġużepp Vella ma żanżanx biss il-vara u l-isfera. Żanżan l-Ostensorju wkoll. Irregalatu waħda li minn Mawmettana saret Nisranija bl-isem ta' Tereża, u minn skjava u fqira kienet stagħniet b'li ħallitilha s-Sinjura Clotilde Decos li kienet ġabritha magħha. Dik il-benefattriċi tas-sena 1741, jiġifieri Tereża de Decos, mietet ta' 86 sena l-għada tal-festa, l-24 ta' April, 1761.[7] Fl-1936, meta Kappillan Vella ieħor (Dun Anton ) ġie biex jagħmel Ostensorju ġdid, is-sieq sabiħa tal-qadim intużat fil-ġdid. U l-kompromess irnexxa. Il-Knisja, imwaqqfa minn Kristu fuq il-blata li hu Pietru, ukoll hekk hi – żonqrija għax dejjem qadima, sabiħa għax dejjem ġdida.

---

[1] Reġistru taż-Żwiġijiet 1756-1803, p. 396.
[2] Reġistru tal-Magħmudijiet 1731-1772, taħt id-data 28.9.1754.
[3] Reġistru tal-Magħmudijiet 1731-1772, nota minn id il-Kappillan Dun Ġużepp Vella fuq il-qoxra ta' wara, minn ġewwa; Reġistru tal-Mejtin 1701-1778, taħt id-data 17.2.1761, dakinhar li miet Mudest Sant.
[4] Reġistru tal-Magħmudijiet 1864-1882, fol. 175 recto.
[5] Reġistru tal-Magħmudijiet 1864-1882, fol. 143 recto; Reġistru taż-Żwiġijiet "D", taħt id-dati 5.10.1869, 6:2.1870, 22.5.1870.
[6] Att Notarili msemmi fir-Reġistru tal-Konsulti ta' waħda mill-Fratellanzi, taħt id-data 15.4.1800, fol. 25 verso - 26 verso.
[7] Reġistru tal-Mejtin 1701-1778, taħt id-data 24.4.1761.